# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, il-Ġimgħa 15 ta' Novembru, 2024

**Kawża Nru. 3**

**Rik. Nru. 505/2022 ISB**

**Mario Philip Azzopardi (K.I. Nru: 51251(M))**

**vs**

**Emanuel Delia (K.I.Nru: 0560176(M))**

**SENTENZA IN PARTE DWAR L-EWWEL EĊĊEZZJONI TAL-INTIMAT KIF KONTENUTA FIR-RISPOSTA GURAMENTATA TIEGHU TAS-6 TA' LULJU 2022**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors ġuramentat** ta' **Mario Philip Azzopardi**, intavolat fl-10 ta' Ġunju 2022 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-intimat vvjola u kiser id-drittijiet ta' propjetà intellettwali tal-esponenti bil-pubblikazzjoni malinna tax-xogħol litterarju u teatrali "ix-XIĦA";

2. Tillikwida d-danni skont il-liġi u jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi mill-Qorti bħala kumpens lill-esponenti bħal propjetarju tal-propjeta' intellettwali tax-xogħol litterarju in kwistjoni;

3. Tillikwida u tiddikjara lill-intimat għall-ħlas tad-danni ai termini tal-Artikolu 43 et seq tal-Kapitolu 415 u tal-Artikolu 12 tal-Kapitolu 488 tal-liġijiet ta' Malta hekk kif l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq għall-kontravvenzjoni mad-drittijiet tiegħu;

4. Tillikwida u tiddikjara lill-intimat responsabbli għar-restituzzjoni tal-ispejjeż kollha li kienu saru kif ukoll il-qliegħ li kien ser jiġi magħmul li kieku ma seħħitx din il-kontravvenzjoni tad-drittijiet tal-awtur, u li tagħti dawk id-danni addizzjonali skond ma l-każ ġustament jeħtieġ.

Bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li huwa minn issa stess inġunt għas-subizzjoni.

U dana wara li ppermetta li:

1. Illi, l-esponent huwa l-awtur tax-xogħol leterrarju "ix-XIĦA", liema xogħol teatrali beda jinkiteb fis-sena elfejn u dsatax (2019) u li kien

ser jittella’ fit-Teatru Manoel fis-sena tal-elfejn tnejn u għoxrin (2022);

2. Illi, il-preparamenti kollha neċessarji fosthom il-kuntratti sabiex jiġu ingaġġati l-persuni konċernati laħqu ġew mniehda, aċċettati u ffirmati. Dan sar kemm mill-atturi nnifishom kif ukoll, minn tekniċi ta’ wara l-palk. Naturalment, dan jinkludi ukoll spejjeż li jġib miegħu ix-xogħol tejatrali li kienu jlaħqu l-ammont ta’ sitta u għoxrin elf u mija u ħamsin Ewro (€26,150), liema somma ma kienet kuntrattata u maqbula għall-ħlas;

3. Illi, madanakollu, nhar il-wieħed u tletin (31) ta’ Marzu tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022), il-konvenut ippublika fuq is-sit elettroniku tiegħu “manueldelia.com” l-iscript tad-dramm “ix-XIĦA” minghajr ebda premess, u li kien akkumpanjat bi stqarrija mill-istess konvenut li inghad li dan kien qieghed isir bil-ghan li jfixkel il-produzzjoni billi tinħareġ fil-pubbliku kull sorpriża li seta’ kien hemm. Dan kollu sar mhux biss a skaptu tal-propjeta’ intellettwali tal-esponent  iżda wkoll bi kliem dispreġġiativ, vjolenti, u vulgari;

4. Illi, tali aġġir wassal sabiex it-Teatru Manoel waqqaf il-produzzjoni mingħajr l-ebda konsultazzjoni mal-esponent u li a kawża t’hekk ikkawża diversi danni lill-istess;

5. Illi, l-azzjoni preżenti hija mibnija fuq id-drittijiet tal-awtur protetti mill-Liġi kontra użu abusiv tagħhom minn terzi. Id-danni allegati jinsorġu minn użu abusiv tagħhom minn terzi. Id-danni allegati jinsorġu minn użu mhux awtorizzat ta’ propjetà intellettwali tal-

esponenti u li għalhekk qiegħed jintalab il-ħlas skont il-liġi, konsistenti fit-telf soffert minħabba l-infrazzjoni.

6. Illi, l-esponenti huwa detentur tad-drittijiet tal-awtur f'xogħol litterarju ai terminu tal-Artikolu 3(1)(d) tal-kapitolu 415 u l-Artikolu 4 tal-kapitolu 488 tal-liġijiet ta' Malta, u għalhekk l-aġir tal-Mittenti jikkostitwixxi kontravenzzjoni tad-drittijiet tal-awtur taħt l-Artikolu 7 u l-Artikolu 42 (1)(d)(i) tal-Kapitolu 415.

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Ġunju 2022 u li permezz tiegħu appuntat il-kawża għas-smiegħ għall-udjenza tal-11 ta' Lulju 2022 fid-9:30 a.m.

Rat ir-**risposta ġuramentata** ta' **Emanuel Delia** li permezz tagħha eċċepixxa:

1. ***In linea preliminari, jidher mill-kuntratt anness mar-rikors promotur (Dok D) illi r-rikorrent ma huwiex il-propjetarju tad-drittijiet tal-awtur ai termini tal-Artikolu 3(1)(d) tal-Kapitolu 415 u l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 488 tal-Liġijiet ta' Malta kif jippretendi, stante li jidher mir-raba' paragrafu f'paġna 3 tal-kuntratt, kif ukoll minn klawżola 29 u 40 tal-istess, illi l-propjetarja tal-istess drittijiet hija l-kumpannija Staġun Teatru Malti (C-65648). B'hekk l-esponent għandu jiġi meħlus mill-osservanza tal-ġudizzju.***[1]

[1] **BOLD** ghall-emfasi peress illi din hija l-eccezzjoni deciza hawnekk

2. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponent jissottometti li l-publikazzjoni minnu tal-iscript entitolat "IX-XIHA" jaqa' ferm fil-parametri tal-eċċezzjonijiet għad-drittijiet ta' copyright li jinsabu f'Artikolu 9 tal-Kapitolu 415 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, in-ness bejn l-allegati danni sofferti mir-rikorrent u l-aġir tal-esponent irid jiġi ppruvat, kif wisq aktar iridu jiġu ppruvati l-allegati danni.*

4. *Illi l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt, kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża.*

5. *Salv eċċezzjonijiet ultejruri jekk ikun il-każ.*

Rat illi fl-udjenza tal-11 ta' Lulju 2022, bi qbil mad-difensuri tal-partijiet, il-Qorti ordnat illi l-partijiet iressqu l-provi tagħhom limitatament għall-ewwel eċċezzjoni mressqa u dan bil-għan illi l-Qorti titratta u tiddeċiedi l-ewwel dik l-istess eċċezzjoni b'sentenza preliminari.

Rat in-nota tal-attur intavolat fid-9 t'Awwissu 2022 (fol 132) li permezz tagħha ppreżenta affidavit **tiegħu stess** u affidavit tas-**soċjeta` Staġun Teatru Malti (C 65648)**.

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Novembru 2022, il-konvenut ippreżenta nota (fol 156) b'dokument (fol 157 sa fol 160). Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tal-konvenut li m'għandux aktar provi xi jressaq fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni.

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta' Frar 2024, xehed l-attur **Mario Philip Azzopardi** u ppreżenta dokument (Dok MA1, fol 177A). Rat ukoll illi l-attur ippreżenta nota (fol 178) b'affidavit ulterjuri tiegħu stess (fol 179 u fol 181). Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tal-attur li m'għandux aktar provi x'jipproduċi fir-rigward tal-istess eċċezzjoni.

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Mejju 2024, xehed l-attur **Mario Philip Azzopardi** in kontro-eżami u li d-difensur tal-konvenut ippreżenta dokument (Dok C).

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-22 ta' Mejju 2024, il-partijiet trattaw l-ewwel eċċezzjoni, u l-kawża tħalliet għall-udjenza ta' llum għas-sentenza *in parte.*

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tar-**risposta ġuramentata** tiegħu, il-konvenut **Emanuel Delia** jeċċepixxi fl-ewwel eċċezzjoni, illi l-attur mhuwiex il-propjetarju tad-drittijiet tal-awtur ai termini tal-Artikolu 3(1)(d) tal-Kapitolu 415 u l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 488 tal-Liġijiet ta' Malta u dana stante li l-propjetarja tal-istess drittijiet hija l-kumpanija Staġun Teatru Malti (C-65648) - u b'hekk il-konvenut għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti fatti:

Fl-affidavit tiegħu, l-attur **Mario Philip Azzopardi** jgħid li l-iskript intitolat '*Ix-Xiħa*' huwa xogħol letterarju oriġinali tiegħu. Jispjega li hu awtur u produttur kemm televisiv u kemm fuq il-palk u beda jikteb dan ix-xogħol fis-sena 2019 u minħabba li kien hawn il-pandemija tal-COVID'19 u t-teatri kienu magħluqin, ix-xogħol ma ntużax.

Jispjega li meta lesta il-kitba ta' "*Ix-Xiħa*" hu kien għadda kopja lil Kenneth Zammit Tabona bħala id-direttur artistiku fi ħdan it-Teatru Manoel u minkejja li għoġbitu kien esprima l-fehma li l-poplu Malti ma kienx lest għal dik it-tip ta' satira politika. Minkejja li hu ma kienx qabel ma dan, l-attur ma setgħax ikompli jaħdem fuq il-proġett minħabba l-pandemija.

Jgħid li l-assoċjazzjoni tiegħu ma Daphne Caruana Galizia kienet spiss titfacca u fis-sena 2021 kien ġie msejjaħ sabiex jixhed fl-inkjesta pubblika dwar il-mewt tal-istess ġurnalista. Hu ġie mistħarreġ jekk fil-kitba tiegħu kienx hemm xi instigazzjoni dwar il-mewt tal-istess. Jgħid li kien spjega li l-kitbiet tiegħu kienu mimlija kontroversja u satira għax jemmen li dan huwa mod ieħor kif wieħed jesprimi ruħu, li fil-fehma tiegħu għandu jkun protett ukoll għall-preservazzjoni tal-ħsieb u l-espressjoni tal-kelma ħielsa u libera.

Jispjega li kien spjega x-xogħol tiegħu lill-Bord inkwirenti u l-Bord kien qal li m'għandu jkun hemm l-ebda oġġezzjoni għas-satira u anzi din għandha tingħata prominenza għax hija l-kejl tal-maturita` nazzjonali. Jgħid li għalhekk hu reġa' talab mill-ġdid lit-Teatru Manoel sabiex jirrikunsidra l-posizzjoni tiegħu u wara li ssejjaħ Bord dwar dan, kien ġie deċiż li d-dramm kellu jittella'.

Jgħid li minn hemm beda x-xogħol bil-preparamenti kuntrattwali u dan isir tramite is-soċjeta' Staġun Teatru Malti, li hija socjeta' tiegħu stess u ta' martu u dan għal diversi raġunijiet. Jispjega li l-awtur ma jkunx dejjem il-

prodottur. Jgħid li fl-2014, il-kumpanija u t-Teatru Manoel daħlu f'arranġament sabiex jiġu prodotti skripts teatrali bil-lingwa Maltija u għalhekk twaqqaf fond sabiex jiġu mħallsa l-awturi, imbagħad tkun il-kumpanija li tipproduċi x-xogħol, u dana billi tifforma t-tim tal-produzzjoni. Jgħid li l-kumpanija, sabiex isir dan, kienet tamministra fond finanzjarju. Jispjega li x-xogħol letterarju jibqa' propjeta tal-awtur - li mbagħad il-kumpanija tipproduċi. Jispjega li f'dan il-każ m'għamilx kuntratt miegħu nnifsu u dana stante li ma kienx hemm il-bżonn li jagħti l-permess għall-produzzjoni u lanqas li jitħallas għax-xogħol tiegħu. Jgħid li t-Teatru Manoel imbagħad jagħmilha ċara li r-responsabilita` f'każ ta' tilwim fuq il-kuntenut, hija tal-produzzjoni.

Jgħid li għalhekk intlaħaq ftehim sabiex "*Ix-Xiħa*" tiġi prodotta u tittella' fit-Teatru Manoel fid-29 u t-30 t'April u l-1, is-6, is-7 u t-8 ta' Mejju tas-sena 2022. Jgħid li d-drittijiet pertinenti tax-xogħol baqgħu dejjem f'ismu. Jispjega li sabiex tittella' l-produzzjoni saru diversi spejjeż fosthom ħlas lill-atturi kif ukoll *marketing*.

Jispjega li fil-31 ta' Marzu 2022, il-konvenut ippubblika u għamel riproduzzjoni tax-xogħol letterarju "*Ix-Xiħa*" mingħajr ebda awtorizzazzjoni jew ftehim miegħu, u b'hekk, minħabba l-kontroversja ġenerata, l-intimat iġġenera qligħ ma kull persuna li daħlet tara dan ix-xogħol fuq il-pjattaforma tal-konvenut. Jgħid li dan, kif dettat mill-konvenut stess, sar biex ifixxkel lill-attur mill-ħidma tiegħu.

Jgħid li dan mhux biss iddistribuwixxa xogħol letterarju mingħajr permess iżda wkoll għamel użu minn kliem dispreġġjattiv, vjolenti u vulgari sabiex iwaqqa' l-preġju tax-xogħol tiegħu. Jispjega li kien l-aġir tal-istess konvenut li wassal sabiex t-Teatru jwaqqaf il-produzzjoni.

Jgħid li l-aġir tal-konvenut kien ta' preġudizzju għalih versu l-produzzjoni iżda wkoll sofra telf ta' qligħ ta' madwar għaxart elef Ewro (€10,000).

Fix-**xhieda** tiegħu *viva voce* mbagħad jispjega li l-kumpanija ma ħallsitx lilu għall-kitba ta' l-iscript ta' "*Ix-Xiħa*" u l-kumpanija mhi bl-ebda mod sid tad-drittijiet fuq il-kitba nnifisha iżda għandha biss id-dritt li tipproduċi d-dramm.

Il-Qorti tosserva li in sosten ta' dan, l-attur ippreżenta dikjarazzjoni tal-istess kumpanija f'dan is-sens li ġġib id-data 19 ta' Novembru 2022 (fol 177A) - li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħha.

F'**affidavit ulterjuri**, ir-rikorrenti ighid illi bħala awtur huwa ilu jikteb xogħol letterarju minn meta kellu għaxar snin u jqis il-kitba bħala parti integrali minn ħajtu u fil-fatt qatta' ħafna snin barra minn Malta iżda meta rritorna fl-2015, intebaħ li t-teatru bil-lingwa Maltija kien kważi ineżistenti. Jispjega li għalhekk bil-għan li jqajjem it-Teatru f'Malta, huwa fforma s-soċjeta' bl-isem ta' Staġun Teatru Malti li ħadmet mat-Teatru Manoel għal snin twal u b'hekk wassal fit-teatru kemm xogħol oriġinali tiegħu kif ukoll t'awturi oħra, b'kollox erbgħa u għoxrin (24) dramm li disgħa (9) minnhom kienu tiegħu, kollha ta' natura kontroversjali.

Jispjega li '*Ix-Xiħa*' kienet ta' natura partikolarment kontroversjali minħabba li waħda mill-karattri ġiet interpretata bħala Daphne Caruana Galizia u għalhekk Kenneth Zammit Tabona kien qiesha bħala kontroversjali, iżda wara l-inkjesta pubblika dwar il-mewt ta' Daphne Caruana Galizia, hu kien ġie nkoraġġut jikteb b'dak l-istil u għalhekk ix-xogħol kien ġie approvat u bdew il-provi teatrali.

Jispjega li kollox waqaf ħesrem minħabba l-artikolu tal-konvenut li, kif diġa` spjegat, ġab miegħu preġudizzju u danni għall-attur.

In **kontro-eżami**, ir-rikorrenti jikkonferma li l-iskript tad-dramm '*Ix-Xiħa*' ġie miktub minnu. Jgħid li l-*copyright* dejjem baqgħet tiegħu iżda l-kumpanija tixtri d-drittijiet tal-produzzjoni li f'dan il-każ ma tħallasx. Jispjega li f'kull każ, il-kumpanija tkun xtrat id-dritt tal-produzzjoni u mhux il-propjeta` intelletwali. Jgħid li l-ftehim mat-Teatru Manoel maqsum fi tnejn, parti għall-iżvilupp tal-iskripts u parti dwar produzzjoni. Jispjega li t-Teatru Manoel u l-Kunsill Malti għall-Arti taw grant lis-soċjeta' tieghu sabiex ikun hemm żvilupp ta' skripts bil-Malti. Jgħid li mbagħad isir kuntratt ieħor bejn l-Istaġun Teatru Malti u l-awtur fejn dan jagħti d-dritt lill-kumpanija ittella' l-produzzjoni.

Mistoqsi dwar l-artikolu 29 tal-ftehim bejn il-kumpanija, it-Teatru Manuel u l-Kunsill Malti għall-Arti, ir-rikorrent jgħid li din ma tfissirx li l-kumpanija għandha d-drittijiet intelletwali. Fir-rigward tal-Artikolu 40, jispjega li dan imur kontra l-liġi li tispeċifika li d-drittijiet intelletwali jibqgħu dejjem tal-awtur.

Jispjega li l-ħsieb kien li l-awtur jitħallas mill-kumpanija sabiex il-kumpanija jkollha d-drittijiet, iżda f'dan il-każ hu bħala awtur ma tħallasx.

Jgħid li f'dan il-każ ladarba l-awtur qatt ma tħallas, mela allura l-awtur kellu d-dritt li jwaqqaf id-dramm, b'hekk Staġun Teatru Malta qatt ma sar propjetarju tad-drittijiet. Mistoqsi jekk l-awtur fittix lill-kumpanija, jgħid li le stante li hu mhux ser ifittex lill-kumpanija tiegħu stess.

Mistoqsi f'dan il-każ għaliex ma sarx il-ħlas, jgħid li bħala attur kien aċċetta li jiddiferixxi l-ħlas.

Fl-affidavit taghhom, **Mario Philip Azzopardi u Therese Azzopardi in rappreżentanza tas-soċjeta' Staġun Teatru Malta Ltd** jgħidu li huma jokkupaw il-kariga ta' diretturi fi ħdan is-soċjeta' Staġun Teatru Malti li daħlet f'kuntratt intitolat *Development of Stage Productions Agreement* sabiex tipproduċi skripts teatrali tal-għamla oriġinali bl-ilsien Malti, fosthom "*Ix-Xiħa*" miktuba minn Mario Philip Azzopardi.

Jispjegaw li s-soċjeta' hija responsabbli mill-produzzjoni u direzzjoni tal-istess produzzjoni li kienet ser tittella' fit-Teatru Manoel. Jispjegaw ukoll li l-awtur ma jkunx dejjem il-prodottur. Jgħidu li fl-2014, il-kumpanija u t-Teatru Manoel daħlu f'arranġament sabiex jiġu prodotti skripts teatrali bil-lingwa Maltija u għalhekk twaqqaf fond sabiex jiġu mħallsa l-awturi, imbagħad tkun il-kumpanija li tipproduċi x-xogħol u dana billi tifforma t-tim tal-produzzjoni. Jgħidu li l-kumpanija, sabiex isir dan, kienet tamministra fond finanzjarju. Jispjegaw li x-xogħol letterarju jibqa' propjeta` tal-awtur li mbagħad il-kumpanija tipproduċi. Jispjegaw li f'dan il-każ m'għamilx kuntratt miegħu nnifsu u dana stante li ma kienx hemm il-bżonn li jagħti l-permess għall-produzzjoni u lanqas li jitħallas għax-xogħol tiegħu. Jgħidu li t-Teatru Manoel imbagħad jagħmilha ċara li r-responsabilita` f'każ ta' tilwim fuq il-kuntenut hija tal-produzzjoni.

Jgħidu li għalhekk intlaħaq ftehim sabiex "*Ix-Xiħa*" tiġi prodotta u tittella' fit-Teatru Manoel fid-29 u t-30 t'April u l-1, is-6, is-7 u t-8 ta' Mejju tas-sena 2022. Jispjegaw li sabiex tittella' l-produzzjoni saru diversi spejjeż fosthom ħlas lill-atturi kif ukoll *marketing*.

Jispjegaw li f'dak iż-żmien, il-konvenut ippubblika u għamel riproduzzjoni tax-xogħol letterarju "*Ix-Xiħa*" mingħajr ebda awtorizzazzjoni u b'hekk iġġenera qliegħ ma kull persuna li daħlet tara dan ix-xogħol fuq il-

pjattaforma tieghu. Jgħid li dan, kif dettat mill-konvenut stess, sar biex ifixxkel lill-attur mill-ħidma tiegħu.

Jgħidu li l-konvenut mhux biss iddistribwixxa xogħol letterarju mingħajr permess iżda wkoll għamel użu minn kliem dispreġġjattiv, vjolenti u vulgari sabiex iwaqqa' l-preġju tax-xogħol tar-rikorrenti. Jispjegaw li kien l-aġir tal-istess konvenut li wassal sabiex t-Teatru jwaqqaf il-produzzjoni.

Jispjegaw li jekk kemm-il darba ir-rikavat jiġi rkuprat mill-attur il-kumpanija ma jkollha l-ebda vertenza kontra l-konvenut u kull arranġament finanzjarju jsir bejn is-soċjeta' u l-attur.

## Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi mit-**<u>trattazzjonijiet</u>** tal-partijiet, il-Qorti tislet is-segwenti:

L-intimat, min-naħa tiegħu jgħid li mill-provi jirriżulta ftehim iffirmat minn Mario Philip Azzopardi stess fejn jingħad li l-produttur u ċioe` s-soċjeta Staġun Teatru Malti huwa l-awtur tal-ftehim. Isostni li ma jistax jingħad li r-rikorrent ma kienx jaf il-kumpanija msemmija xi ftehmet mat-Teatru Manoel u mal-Kunsill Malti ghall-Arti. Jikkontendi li l-ftehim innifsu huwa ċar u jgħid b'mod ċar diversi drabi lil min jappartjenu d-drittijiet intelletwali u f'dan il-każ, il-kumpanija ma jistax jingħad li marret minn wara dar l-awtur stante li huwa l-istess persuna. Isostni li l-intendiment kien wieħed u ċar u ċioe` li s-sid tal-proprjeta` intelletwali tkun il-kumpanija u dan huwa evidenti mill-fatt li l-kumpanija ħadet il-*grant* biex ipproduċiet dak l-iscript iżda l-awtur għamel l-għażla li ma jitħallasx u għalhekk ma jistax jiġi issa r-rikorrent u jitlob kumpens, stante li kieku stess din il-kawża kellha tkun bejn partijiet differenti.

Ir-rikorrent min-naħa tiegħu jinsisti li l-unika raġuni li l-intimat ppubblika l-iscript *de quo* kien b'intenzjoni malizzjuża kontra l-istess rikorrent. Isostni li kieku d-dramm seħħ, ir-rikorrent kien jitħallas u d-dramm ma seħħx unikament minħabba l-aġir tal-intimat. Jispjega li d-danni li huwa qed jitlob permezz tal-kawża odjerna huma bbażati fuq id-dramm li kien ser jittella' u bbażżati fl-ispirtu li huwa kien l-awtur illi kiteb id-dramm u minħabba l-attakk li sar fuq il-persuna li kiteb, id-dramm ma setgħetx titkompla l-produzzjoni.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Issa, il-konvenut, permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu, jeċċepixxi li l-attur m'huwiex il-propjetarju tad-drittijiet tal-awtur tal-iscript "*Ix-Xiħa"* ai termini tal-Artikolu 3(1)(d) tal-Kapitolu 415 u l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 488 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-artikolu **3(1)(d) tal-Kap 415** jgħid is-segwenti:

> *3.(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet x-xogħlijiet li ġejjin ikunu eliġibbli għad-drittijiet tal-awtur –*
> *(d) xogħlijiet letterarji;*

Filwaqt li l-artikolu **4 tal-Kapitolu 488**, jgħid testwalment hekk:

> *4.(1) Kull min ismu jidher fuq xi xogħol letterarju jew artistiku b'tali mod li soltu persuna tiġi indikata bħala l-awtur tax-xogħol għandu, sakemm ma jkunx hemm prova kuntrarja, jiġi kkunsidrat bħala l-awtur ta' dak ix-xogħol u jkollu jedd jagħmel użu mill-miżuri, proċeduri u rimedji provduti b'dan l-Att.*

> *(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandhom japplikaw mutatis mutandis għad-detentur ta' drittijiet li għandhom x'jaqsmu mad-drittijiet tal-awtur għar-rigward tal-materja koperta tagħhom.*

Il-Qorti llum għandha quddiemha kwistjoni li tirrigwarda **xogħol letterarju** u ċioe` *script* intitolat "*Ix-Xiħa*" li kellu jittella' fi produzzjoni ġewwa t-Teatru Manoel skond arranġamenti li saru kif jirriżulta mill-provi u d-dokumenti esebiti. Il-Qorti mhix ser tidħol fil-mertu tar-raġuni tal-kanċellazzjoni tal-produzzjoni, għax dak huwa propju l-mertu tal-kawża odjerna u m'għandhiex tagħmel dan fi stadju tant bikri. Il-Qorti sejra tillimita l-analiżi u l-pronunzjament tagħha biss u limitatament dwar dak eċċeppit fl-ewwel eċċezzjoni, u cioe`, jekk ir-rikorrenti kellux dritt iressaq din l-azzjoni in kwantu illi l-intimat jikkontendi illi r-rikorrenti mhux il-proprjetarju tad-drittijiet tal-awtur kif trid il-liġi wara l-ftehim tas-sena 2019 (DOK C – fol 87).

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi qabel xejn, il-liġi tagħna, riferibilment għall-**KAP 415** tal-Liġijiet ta' Malta, tiddefinixxi "awtur" bħala:

> ***awtur*** *tfisser il-persuna naturali jew grupp ta' persuni naturali li jkunu ħolqu x-xogħol eliġġibbli għad-dritt tal-awtur iżda fil-każ ta' xogħol awdjoviżiv tinkludi lid-direttur prinċipali iżda teskludi lill-produttur tal-ewwel fissazzjoni tax-xogħol awdjoviżiv;*

Filwaqt illi "proprjetarju ta' drittijiet tal-awtur" hija bl-istess liġi definita bħala:

> ***proprjetarju ta' drittijiet tal-awtur*** *tfisser l-awtur li jkun l-ewwel proprjetarju, ċessjonarju jew detentur esklużiv ta' liċenza, skont il-każ, ta' drittijiet tal-awtur u fil-każ ta' xogħol kollettiv, l-ewwel proprjetarju tad-drittijiet tal-awtur għandu jkun il-persuna naturali jew legali li bl-inizjattiva u direzzjoni tiegħu ix-xogħol ikun ġie maħluq;*

**L-Artikolu 3(2)** tal-KAP 415 ikompli billi jelenka dawk ix-xogħolijiet, inkluż letterarji, illi ma jkunux eliġibbli għad-drittijiet tal-awtur, meta tgħid hekk:

> *Xogħol letterarju, ......... ma jkunux eliġibbli għad-drittijiet tal-awtur kemm-il darba x-xogħol ma jkollux kwalità oriġinali u ma jkunx inkiteb, ġie reġistrat, iffissat jew xort'oħra mogħti forma materjali.*

Ukoll, il-Qorti taghmel referenza għall-**Artikolu 7(1)(a)** tal-KAP 415 li tgħid espressament hekk:

> *Id-drittijiet tal-awtur f'xogħol awdjoviżiv, database, xogħol litterarju, mużikali jew artistiku jkunu d-dritt esklużiv li jawtorizza jew jipprojbixxi l-għemil f'Malta dwar il-materjal protett fit-totalità tiegħu jew f'parti sostanzjali minnu, sew fl-għamla oriġinali tiegħu sew f'xi forma miksuba b'mod li jingħaraf sew mill-oriġinali ta' xi wieħed minn dawn li ġejjin:*
>
> *(a) ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti b'kull mezz u f'kull għamla, għal kollox jew f'parti minnu;*

Fis-sentenza **The Performing Right Society Limited ta' Londra, rappreżentata lokalment mill-aġent tagħha Dingli Co. International**

**Ltd vs. One Productions Limited** (Rik. Nru 45/2012MC) deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (5 ta' Ġunju 2014) u konfermata mill-Qorti tal-Appell (27 ta' Marzu 2015) jingħad hekk:

> *............ l-premessi u talbiet attrici* <u>*mhux*</u> *mibnija fuq tali relazzjoni [kontrattwali] izda wahda de iure naxxenti minn drittijiet tal-awtur protetti mill-Ligi kontra uzu abusiv taghhom minn terzi. Id-danni allegati jinsorgu minn uzu mhux awtorizzat ta' proprjeta` intellettwali ta' terzi li ghalih it-terz kif rapprezentat f'din il-kawza qed jitlob il-hlas skond il-ligi konsistenti fit-telf soffert minhabba l-infrazzjoni.*

Il-Qorti tqis għalhekk illi d-drittijiet tal-awtur jitwieldu mat-twelid tax-xogħol letterarju fit-termini li trid il-liġi, mingħajr il-ħtieġa ta' xi reġistrazzjoni jew formalita' oħra.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi qabel xejn, il-liġi tagħna, riferibilment għall-**KAP 488** tal-Liġijiet ta' Malta, tiddefinixxi "<u>drittijiet ta' proprjetà intellettwali</u>" bħala:

> *dawk id-drittijiet li jiġu mogħtijin taħt l-*<u>*Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur*</u>*, l-Att dwar it-Trademarks u l-Att dwar il-Privattivi Industrijali u d-Disinni, jew kull liġi oħra li tista' minn żmien għal żmien tidħol minflokhom u "liġijiet rilevanti" għandha titfisser bl-istess mod;*

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi magħrufa dawn l-provvedimenti tal-liġi u l-insenjamenti ġurisprudenzjali, li fil-kuntest tagħhom hija msejsa l-eċċezzjoni preliminari, il-Qorti tgħaddi biex tqis illi sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu, l-attur irid

jipprova li huwa għandu jeddijiet tal-awtur (kemm oriġinali jew bħala ċessjonarju tagħhom) fuq ix-xogħolijiet letterarji li huwa jsemmi u li dawn qegħdin fil-pussess tal-konvenut mingħajr il-permess tal-attur (għal finijiet ta' din is-sentenza, dan it-tieni rekwiżit ma jsibx importanza).

Il-Qorti tqis illi mill-provi prodotti, ċertament illi ma hemmx dubbju illi x-xogħol letterarju "*Ix-Xiħa*" huwa xogħol letterarju tar-rikorrenti Mario Philip Azzopardi. Ma ġie bl-ebda mod kontradett li l-*iscript* innifisha ta' "*Ix-Xiħa*" nkitbet mill-attur Mario Philip Azzopardi. Lanqas ma jirriżultaw xi provi li jindikaw illi x-xogħol letterarju *de quo* mhux eliġibbli għal drittijiet favur l-awtur.

Il-kwistjoni li tibqa' allura hija jekk l-istess rikorrenti Mario Philip Azzopardi għadux hu l-propjetarju intelletwali ta' l-istess *script* jew inkella hix il-kumpanija li tagħha l-istess attur huwa direttur u azzjonist, u ċioe` l-kumpanija Staġun Teatru Malti Limited, li saret il-proprjetarja tad-drittijiet intelletwali fuq l-iscript tal-play "*Ix-Xiħa*" wara l-iffirmar tal-ftehim tas-sena 2019.

Il-konvenut, da parti tiegħu, jinsisti li d-drittijiet intelletwali fir-rigward tax-xogħol letterarju "*Ix-Xiħa*" issa jappartjenu lill-kumpanija kummerċjali Staġun Teatru Malti Limited u dana stante l-ftehim li jeżisti bejn il-kumpanija msemmija u t-Teatru Manoel flimkien mal-Kunsill Malti għall-Arti li jinsab a fol 87 tal-proċess. Isostni dan billi jirreferi għal numru ta' klawsoli ta' l-istess ftehim, fosthom paragrafi 7, 29 u 40 tat-Tieni Parti (fol 90, 91 u 92) li kollha jagħtu x'wieħed jifhem illi l-kumpannija Staġun Teatru Malti Limited hija issa l-proprjetarja assoluta tad-drittijiet intelletwali tal-*iscripts*.

Min-naħa l-oħra, l-attur jinsisti li hemm klawsoli illegali f'dak il-ftehim u aktar minn hekk, illi minkejja dak il-ftehim, id-drittijiet intelletwali tiegħu *qua* awtur, hu personalment qatt ma ttrasferihom lill-kumpanija u ppreżenta wkoll dikjarazzjoni tal-kumpanija li tgħid speċifikament dan a fol 177A tal-proċess. F'din l-istqarrija DOK MA1, il-kumpannija ssostni illi hija għandha biss *temporary performance rights* fuq il-play "*Ix-Xiħa*", li tagħha l-awtur jibqa' Mario Philip Azzopardi, u għalhekk il-kumpannija tiddikjara mingħajr tlaqliq illi hija ma għandha ebda proprjeta' intelletwali fuq ix-xogħolijiet letterarji de quo.

Ukoll, ir-rikorrenti jispjega illi l-intimat qed jagħmel referenza għat-tieni parti tal-ftehim, imma jinsa' illi dak jiġi biss wara l-ewwel parti, cioe`, il-ftehim li jsir bejn il-kumpannija u l-awtur *"li f'dan il-każ jiena qatt ma ħriġt minħabba l-fatt li jiena jien*".

Il-Qorti għarblet iż-żewġ dokumenti li qed issir referenza għalihom, kif ukoll il-provi kollha miġjuba quddiemha.

Tibda' biex tosserva li l-ftehim a fol 87, ma hux korrettament datat, tant illi jista' jingħad illi ma għandux data għajr għal annu (2019). Di piu`, il-Qorti tqis illi dan il-ftehim iħalli xi ftit perplessitajiet fil-mod kif inhu redatt u miktub, tant illi wiehed mill-firmatarji stess, appuntu ir-rikorrenti, għalkemm b'kappell differenti f'din il-kawża minn dak il-kappell li bih iffirma l-ftehim, igħid illi ma jaqbilx ma' kull ma hemm miktub għaliex hemm klawsoli illi jmorru kontra l-liġi.

Ukoll, il-Qorti tqis illi jista' kien hemm partijiet fuq il-ftehim illi kellhom kunflitt ta' interess, imma kwalsiasi kumment jew osservazzjoni ohra, il-Qorti tippreferi illi tagħmilhom, jekk tħoss il-ħtieġa, fis-sentenza finali tagħha.

Mill-banda l-oħra, il-Qorti fliet bir-reqqa d-dikjarazzjoni li tinsab a fol 177A fejn il-kumpanija Stagun Teatru Malti Limited qed tgħid b'mod kategoriku li d-drittijiet intelletwali li għandhom x'jaqsmu max-xogħol letterarju intitolat "*Ix-Xiħa*" jappartjenu lill-attur Mario Philip Azzopardi u dan stante li hija qatt ma xtrat u ħallset għall-istess drittijiet.

Issa, l-artikolu 4 tal-Kap 488 fuq ċitat huwa ċar, fis-sens illi s-sid tad-drittijiet intelletwali, <u>sakemm ma jkunx hemm prova kuntrarja</u>, huwa dak li ismu jidher fuq ix-xogħol letterarju. Kif diġa' ingħad, ma hemm l-ebda dubbju u mhu bl-ebda mod kontradett li l-attur huwa l-awtur tax-xogħol in kwistjoni. Il-Qorti ma tistax taqbel mal-konvenut meta huwa jqis li l-ftehim a fol 87 jammonta għal dak li l-artikolu ċitat jiddeskrivi bħala '*prova kuntrarja*'. Ma jirriżultax illi l-attur ttrasferixxa d-drittijiet tiegħu *qua* awtur, u l-firma tal-istess attur fuq il-kuntratt de quo, *qua* direttur tas-soċjeta' Stagun Teatru Malti Limited, ma tistax b'daqsekk tinftiehem jew tiġi interpretata illi tfisser illi huwa bieħ id-drittijiet tiegħu *qua* awtur lis-soċjeta` de quo. Ċertament illi l-Qorti trid tapprezza l-kpiepel diversi illi qed jilbes l-attur, u fil-kuntest tad-dottrina ta' entita' legali seperata ta' kumpannija kummercjali, ma jista' qatt jingħad illi l-Mario Philip Azzopardi li deher fuq il-kuntratt qua direttur huwa l-istess Mario Philip Azzopardi qua l-awtur. Fuq il-ftehim, flimkien ma' direttur ieħor, dehret il-kumpannija Staġun Teatru Malti Limited. Il-prova kuntrarja fil-każ odjern u fil-kuntest ta' dak il-ftehim, kienet *se mai* tkun ftehim speċifiku bejn il-kumpanija u l-awtur, fejn l-awtur jittrasferixxi id-drittijiet intelletwali tiegħu lill-kumpanija. Dan il-ftehim ma ġiex prodott, anzi hemm prova ċara li tirriżulta mix-xhieda tal-attur u mix-xhieda tal-kumpanija nnifisha li dan il-ftehim qatt ma sar u saħansitra li l-attur qatt ma tħallas ta' kwalunkwe drittijiet.

Għalhekk, fin-nuqqas tal-prova li d-drittijiet intelletwali tal-attur Mario Philip Azzopardi bħala l-awtur tax-xogħol letterarju *de quo* ġew trasferiti lill-kumpanija Staġun Teatru Malti Limited, il-Qorti tqis li d-drittijiet intelletwali tax-xogħol letterarju intitolat "*Ix-Xiħa*" għadhom sa llum, jappartjenu lill-istess attur Mario Philip Azzopardi personalment. Konsegwentament ser tgħaddi biex tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut.

**DECIDE**

**Għaldaqstant, għall-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, din il-Qorti qed tgħaddi biex tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u tordna il-prosegwiment tal-kawża sabiex tisma' l-provi fil-mertu u tiddeċiedi dwar il-mertu.**

**Spejjeż ta' din l-istanza rizervati għad-deċiżjoni finali.**

| | |
|---|---|
| **Onor. Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |